**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 26 ta' Jannar, 2016

Rikors numru : 490/2015 AL

AB

u

CD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt ta' AB u CD, li permezz tieghu ippremettew:

1. Illi l-partijiet izzewwgu fit-tletin (30) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnejn (2002) u dan kif inhu evidenzjat mic-certifikat taz-zwieg taghhom numru wiehed, disgha, tnejn, erbgha (1924/2002) hawn anness u mmarkat bhala Dok. TV 1.
2. Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppublikat in atti tan-Nutar Dottor Fiona Zammit Armeni fid-disgha (9) ta' Novembru tas-

sena elfejn u hmistax (2015) hawn anness u mmarkat bhala Dok. TV 2.

3. Illi minn dan iz-zwieg twieldet tifla, N, illi hija minuri;

4. Illi l-partijiet ilhom separati *de facto* ghal aktar minn erba` (4) snin;

5. Illi l-esponenti jiddikjaraw illi l-ebda manteniment m'hu dovut u allura ma hemmx l-ebda pretensjonijiet reciproci dwar manteniment;

6. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi llum ghandhom hajja totalment separati minn xulxin;

7. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbu lill-Qorti sabiex :

1. Tippronunzja d-divorzju, ossia l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex l-istess jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-23 ta' Novembru, 2015;

Rat illi iz-zewg rikorrenti ikkonfermaw ir-rikors taghhom bil-gurament;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mit-9 ta' Novembru 2015, izda ilhom de facto separati ghal aktar minn erba' snin;

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejniethom u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Dr Abigail Lofaro
Imhallef

Rita Vella Baldacchino
Deputat Registratur